Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 317 / 2015

Il-Pulizija

vs

**Simon Camilleri**

Illum, 2 ta' Lulju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Simon Camilleri bin Carmelo u Mary Grace nee' Grech, imwieled il-Pieta fit-22 t' Awwissu, 1988, detentur tal-karta tal-identita' numru 392888(M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fid-disgha (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) ghal habta ta' 11.00 hrs fl-inhawi tal-Fortizza ta' San Leonardu fil-limiti ta' Haz-Zabbar:

1. Kellu fil-pusses tieghu jew taht il-kontroll tieghu arma tan-nar tal-ghamla Benelli Confort bin-numru tas-serje M 635602 u jew munizzjoni jew xi mezz iehor biex jikkaccja jew jiehu ghasafar minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Kapitolu 480 Art 5 (l);

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaccja jew prova jikkaccja, ha jew prova jiehu b' kull mezz li jkun xi ghasfur kif permess skont id-disposizzjoni tar-regolamneti dwar il-konservazzjoni tal-ghasafar selvaggi, meta ma kienx

fil-pussess ta' Licenzja valida skont ma jkun japplika, mahruga mit-Taqsima Regolamenti ghall-Ghasafar Selvaggi u meta ma ssodisfax il-kundizzjonijiet kollha specifikati fil-licenzja u f' kull Ligi ohra u dan bi ksur tar-Regolament 12(l) tal-A. L. 79 tal-2006 hekk kif emendat L.S 504. 71.

3. Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hedded b' gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin jew waddabhom jew qabad armi ohra kontra Carmelo Magro, Alfred Farrugia u Antoine Camilleri u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Ukoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamneti, involontarjament ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Carmelo Magro skond ma ccertifika Dr. Mario Abela Med. Reg. 1852 ta' Paola Health Centre;

5. Kif ukoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, involontarjament ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq kelb tar-razza tal-kacca ta' Malta skond ma ccertifika l-veterinarju Dr. Trevor Zammit tal-Isptar San Frangisk;

6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qal kliem fahxi li jikkonsisti f' dagha fil-pubbliku;

7. Kif ukoll talli sar ricediv b' sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, Mag. Dr. Audrey Demicoli LL.D liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta' Mejju, 2015 fejn il-Qorti wara li rat il-Kapitolu 480, l-artikolu 5 (l) ir-Regolament 12 (l) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat L.S 504.71, l-Art. 339 (b) tal-Kap 9, kif ukoll l-A. L. 79 tal-2006 hekk kif emendati Kapitolu 480 tal-Att dwar l-Armi tal-Ligijiet ta' Malta u taht it-

Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghal zmien stabbilit taht ir-regolament 27 (2) (a) tal-A.L 79 tal-2006 hekk kif emendat;

Il-Qorti sabet lill-imputat hati u ghaldaqstant ikkundannatu ghal tlett snin prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appellanti Simon Camilleri minnu pprezentat fit-8 ta' Gunju, 2015 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa dan l-appell billi **TIRREVOKA** s-sentenza appellata fejn l-appellant instab hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u dan billi **TIDDIKJARAH** mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement **TILLIBERAH** minn kull htija jew piena; alternattivament **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billli timponi piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellanti li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi l-appellant jirrileva illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti quddiema u dan kif se jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta'dan l-appell.

Ghalkemm huwa minnu, u dan a skorta ta' gurisprudenza, illi mhux kull kunflitt ta' prova jwassal necessarjament ghal liberatorja, **la kien *safe* u lanqas *satisfacotory*, anzi certament perikoluz, illi l-Ewwel Onorabbli Qorti, strahet biss fuq ix-xhieda moghtija mill-parti leza u x-xhieda migjuba mill-Prosekuzzjoni u skartat kompletament ix-xhieda moghtija mill-appellant u missieru illi t-tnejn li huma kienu fuq il-post tal-incident u dan tenut kont tal-fatt ukoll illi** mill-investigazzjonijiet li saru tal-Ufficjali tal-Pulizija irrizulta wkoll illi dawn il-persuni kollha involuti ilhom bl-argumenti bejniethom.

Illi skont gurisprudenzja kostanti l-Qrati taghna dejjem irritenew illi il-grad tal-prova li prosekuzzjoni trid tilhaq sabiex Qorti tista ssib htija, hi dik ta' lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni izda l-Ewwel Qorti nonostante l-kunflitt ta' provi xorta waslet biex sabet htija fl-appellant billi strahet esklussivament fuq il-verzjoni moghtija mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni.

Illi jigi rilevat illi meta Qorti tkun rinfaccjata b'zewg versjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat peress illi l-oneru tal-prova jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni. Fil-fatt, il-Prosekuzzjoni trid tressaq l-ahjar provi liema provi ghandhom iwasslu u jikkonvincu lil hinn minn kull dubju dettatt mir-raguni lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif ighid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890**:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Illi ghalkemm il-Prosekuzzjoni hija mitluba ggib il-provi kollha kemm favur u kemm kontra l-persuna akkuzata u dan sabiex tipprova l-kaz taghha filwaqt li l-akkuzat ghandu dritt illi ma jixhidx stante illi huwa prezunt innocenti, fil-kaz odjern kemm l-appellant kif ukoll missieru ddecidew illi jixhdu bil-gurament taghhom quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti. <u>**Illi kemm l-appellant kif ukoll missieru fix-xhieda taghhom ikkonfermaw il-verzjonijiet moghtija minnhom *a tempo vergine* lill-Ufficjali tal-Pulizija dakinhar tal-incident.**</u>

Illi Carmelo Camilleri quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti xehed bil-gurament illi dakinhar tal-incident huwa kien qieghed ghall-kacca flimkien ma' ibnu l-appellant. Illi huwa bil-gurament ikkonferma u rritena diversi drabi illi kien hu li kien qed jikkaccja u mhux ibnu Simon u f'ebda hin ma kien ta l-arma lil Simon. Tant hu hekk, illi f'hin minnhom waqt li kien qieghed jikkaccja huwa spara lejn Malvizz liema ghasfur waqa' gewwa sigra. Peress illi biex tmur ghal din is-sigra kien hemm l-imharbat huwa qabbad lit-tifel tieghu l-appellant (li huwa ferm izghar fl-eta') sabiex flimkien mal-kelba tieghu jmur jigbor it-tajra. Carmelo Camilleri sahansitra anke mal-Ufficjali tal-Pulizija stess ikkonferma illi l-arma hija rregitrata fuqu. Illi inoltre, jigi rilevat illi anke meta waslu l-Ufficjali tal-Pulizija u membri tal-ALE lkoll

ikkonfermaw illi sabu lill-missier l-appellant li kien qieghed ghall-kacca u l-uniku senter li kien hemm fuq il-post instab fil-kustodja ta' missier l-appellant.

Ix-xhieda tal-missier hija kkoroborata mix-xhieda bil-gurament moghtija mill-appellant stess li kkonferma totalment il-verzjoni moghtija mill-missier. Fil-fatt, l-appellant bil-gurament u anke mistoqsi in kontro ezami kkonferma illi hu ma kienx qieghed jikkaccja u qatt ma kellu fil-pussess tieghu s-senter. Fil-fatt, l-appellant bil-gurament tieghu stess kkonferma illi kien missieru illi dakinhar tal-incident odjern kien qieghed ghall-kacca u hu kien qieghed biss jakkumpanjah. Tant hu hekk illi kien hemm biss senter wiehed illi meta gew il-Pulizija u l-membri tal-ALE fuq il-post sabuh fil-pussess ta' missier l-appellant. Li gara kien izda illi waqt illi l-missier kien qieghed jikkaccja spara lejn malvizz li waqa' gewwa sigra. Peress illi biex tmur ghal din is-sigra kien hemm l-imharbat il-missier qabbad lit-tifel tieghu l-appellant (li huwa ferm izghar fl-eta') sabiex flimkien mal-kelba tieghu jmur jigbor it-tajra. Meta mar jigbor it-tajra minn fejn waqghet flimkien mal-kelba tieghu u senjatament xhin beda jofroq bejn il-frieghi tas-sigra li fiha waqghet it-tajra li kien spara fuqha missier l-appellant, huwa sab lil Charles Magro ma' wiccu fejn dan beda jghajjat mieghu peress illi kien ghadu kemm intlaqa' mic-comb u qabad igaralu l-gebel lejn il-kelba.

Illi dawn il-verzjonijiet jikkonfliggu kompletament mal-verzjoni moghtija mill-parti leza fejn dan stqarr illi waqt li kien qieghed ghall-kacca flimkien ma' shabu huwa sema' xi tiri ta' senter u f'dak il-hin hass xi comb nizel fuqu bil-konsegwenza illi comba minnhom laqtitu u tnejn ohra laqtu l-kelba li kellu hemm ukoll. Charles Magro zied jghid illi huwa hareg fit-triq u kif hareg ra lil certu Simon Camilleri b'senter f'idu fejn dan qabad igaralu l-gebel. Ghalhekk jigi rilevat illi jezisti kunflitt ta' provi serju bejn iz-zewg verzjonijiet moghtija fuq naha minn l-appellant u missieru u fuq in-naha l-ohra mill-parti leza.

Izda, il-konflitt tal-provi fil-kaz odjern jezistu mhux biss fir-rigward tal-verzjonijiet kontrastanti moghtija bil-gurament tal-appellant u missieru ma' dawk li xehedu fil-proceduri odjerni, izda jezistu wkoll konflitti ta' provi bejn dak li ntqal mix-xhieda tal-prosekuzzjoni stess. Fl-ewwel lok fil-verzjoni moghtija minn Charles Magro *a tempo vergine* dakinhar tal-incident hu stqarr mal-Pulizija illi ma rax lil Simon Camilleri jispara izda sema biss xi tiri. Izda, meta xehed bil-gurament quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti huwa qal illi l-appellant deliberament spara fid-direzzjoni

tieghu liema fatt ma ntqalx *a tempo vergine* tal-akkadut. Inoltre, l-ewwel Qorti setghet tapprezza illi Carmelo Magro huwa persuna illi sfortunatament huwa nieqes mis-smiegh u ghalhekk huwa improbabli immens illi huwa effettivament sema' xi tiri sparati fil-vicinanzi tieghu. Fil-fatt, jigi rilevat illi huwa induna illi kienu gew sparati xi tiri biss minhabba illi waqa' xi comb fuqu u fuq il-kelba tieghu. Illi inoltre Charles Magro jghid illi huwa hareg fit-triq ghax kien jaf min spara u kif hareg ra lil certu Simon Camilleri bis-senter f'idu jispara tir iehor. Illi l-appellant umilment jissottometti illi fejn sehh l-incident hija zona fejn ikun hemm hafna nies jikkacjaw u allura ma jistax ikun Charles Magro jghid illi kien jaf min spara stante illi anke meta mistoqsi quddiem l-Ewwel Qorti huwa kkonferma illi ma rax lil Simon Camilleri jispara. Charles Magro ra biss lil Simon igaralu l-gebel u dan wara illi kien l-istess Charles Magro illi kien waddab xi gebel fil-konfront tal-kelba tieghu. Charles Magro qal illi kien jaf min spara peress illi bejn l-appellant u l-parti leza minn dejjem kien hemm il-problemi bejniethom. Illi ghalhekk il-parti leza assuma illi l-appellant kien spara peress illi fil-verita' huwa ma rahx u hu assuma illi kien l-appellant minhabba l-argumenti illi kemm il-darba kien hemm bejniethom. Illi jigi rilevat illi l-assunzjonijiet mghandhomx lok fil-kamp kriminali stante illi fil-kamp kriminali l-provi li jridu jingabu iridu jwasslu fil-gudikant ghal dak il-konvinciment morali lil hinn minn kull dubju dettatt mir-raguni u zgur illi tali assunzjonijiet ma jwasslux ghal dan il-grad ta' prova f'mohh il-gudikant. Illi inoltre, jigi jigi rilevat illi kemm mix-xhieda quddiem l-Ewwel Qorti u anke minn investigazzjonijiet maghmula mill-Pulizija rrizulta illi dawn il-persuni ilhom bl-argumenti u bil-battibekki bejniethom u dan ikompli jikkonferma illi dan ir-rapport kien biss rizultat tal-mibeghda li hemm bejn il-parti leza u l-appellant u frott ta' din il-mibeghda hemm hafna affarijiet fir-rapport li huma foloz jew maghmula b'qerq. Ghalhekk, dawn il-fatti kollha jkomplu jnaqqsu l-kredibilita' tax-xhud Carmelo Magro stante l-inkompatabilita' fil-verzjonijiet moghtija minnu bejn dak li ntqal bil-gurament quddiem l-Ewwel Qorti u dak li ntqal *a tempo vergine* dakinhar tal-akkadut.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost anke Alfred Farrugia (xhud prodott mill-Prosekuzzjoni) stess kemm dakinhar tal-incident kif ukoll meta xehed bil-gurament quddiem l-Ewwel Qorti, fejn ikkonferma illi huwa ma rax lil Simon jispara izda ra biss lil Simon Camilleri jgara l-gebel fil-konfront ta' Charles Magro. L-istess haga

intqalet mix-xhud Antoine Camilleri illi kkonferma illi huwa ra biss lil Simon Camilleri jgara l-gebel fil-konfront ta' Charles Magro ghalkemm ma rax lil Simon jispara. Ghalkemm it-tnejn ikkonfermaw illi raw lil Simon Camilleri bis-senter f'idu dan ma jfissirx illi kien spara jew kien qieghed jispara hu kif allegatament qed jghid li ra jew sema Charles Magro. Illi ghalhekk mix-xhieda tal-prosekuzzjoni stess apparti illi hemm kunflitt serju ta' provi ma jirrizulta fl-ebda mument illi Simon Camilleri spara xi tiri bis-senter u semmai skond ix-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni stess jirrizulta biss illi Simon kellu f'idu s-senter imma hadd ma rah allegatament jispara jew juza s-senter li kellu f'idu.

Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju l-appellant jirrileva illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti u cioe' ta' tlett snin prigunerija meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kaz, hija wahda sproporzjonata u eccessiva fil-kaz odjern.

Illi l-appellant jirrileva illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn li l-piena ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:

*"Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga', bil-fatti, wera' soghba tarreat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li filmaggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l- iskop tal-ligi kriminali u talpiena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum ilkuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq ittajba"*

F'dan l-istadju l-appellant jaghmel referenza ghal diversi sentenzi fejn anke persuni li kienu recidivi, wkoll inghataw opportunita ohra, permezz ta' piena ridotta,

sempliciment peress illi ma baqghux fit-triq li kienu fiha qabel u cioe fil-perjodu meta sehhew ir-reati li taghhom gew akkuzati.

Fis-sentenza fl-ismijiet ta' Il-Pulizija vs Charlot Aquilina, deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008) il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna **ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha**, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F'dan il-kaz, ghalkhemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi **akkuzat** bhal l-appellant **kien recidiv**, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni *ta' Probation*.

> Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli, **li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga… u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b'mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin**… **li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru *urine sample tests* lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv**… Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b'success il-programm residenzjali, **u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat** oltre li ttermina b'success il-programm residenzjali **ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.**

Fis-sentenza, Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk: "Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li

jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat *probation* jew *conditional discharge* ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata *probation* jew *conditional discharge* jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet Il-Pulizija v. George Farrugia: *"Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tassnin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l- Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija talkundanni, pero`, jinvolvu multi u habs…"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh.* ***Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.***

Ghalhekk il-piena ta' tlett snin prigunerija effettivi kif inflitta mill-Ewwel Qorti, kemm fil-kwalita taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi in breve, gie rapportat li fid-disgha (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) ghal habta tal-hdax ta' filghodu (11:00am) Charles Magro u l-kelb tieghu sfaw imwegga wara li allegatament l-appellant Simon Camilleri kien spara u fejn kienu niezlu xi comb fuq Charles Magro u l-kelb. Huwa allegat li ntqal dagha fahxi mill-appellant u li l-appellant anke gara gebel. Gie allegat li l-appellant spara fuq il-kelb ta' Charles Magro u anke spara fid-direzzjoni tal-kamra fejn kien hemm Alfred Farrugia. Stante li rrizulta li l-appellant ma kellux licenzja tal-kacca, bhal kif lanqas kellu licenzja biex igorr arma, inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tieghu.

Illi fl-ewwel lok, din il-Qorti sejra tibda billi taghmel referenza ghal parti disposittiva tas-sentenza appellata, fejn il-Qorti ikkunsidrat li:

*'Wara li rat il-Kapitolu 480, l-artikolu 5 (1) ir-Regolament 12 (l) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat L.S 504.71, l-Art. 339 (b) tal-Kap 9, kif ukoll l-A. L. 79 tal-2006 hekk kif emedati Kapitolu 480 tal-Att dwar l-Armi tal-Ligijiet ta' Malta u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghal zmien stabbilit taht ir-regolament 27 (2) (a) tal-A. L 79 tal-2006 hekk kif emendat;*

*Din il-Qorti ssib lill-imputati hati u ghaldaqstant tikkundannah ghal tlett (3) snin prigunerija.*

*Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.'*

Ghalhekk jirrizulta li l-ewwel Qorti erronjament indikat l-artikolu 339(b) minflokk l-artikolu 339(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jirrizultax kjarament ghala saret referenza ghar-Regolament 27(2)(a) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat u naqset milli tindika l-artikoli tar-reati li taghhom l-appellant instab hati taht ir-raba' (4), il-hames (5), is-sitt (6) u s-seba' (7) imputazzjonijiet.

L-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena* ***u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat***.' (Emfazi mizjud minn din il-Qorti)

Il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. J. Mifsud) (Spt. A. Portelli) vs Christopher Scerri'**[1] ikkunsidrat:

'*Illi jikkoncedi x' jikkoncedi l-appellant dwar l-izball li ttiehed mill-Ewwel Qorti meta giet biex ticcita l-artikolu tal-ligi li tahtu kienet qed issib htija, huwa fatt li l-Ewwel Qorti erronjament iccitat artikolu ta' Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta hazin ghax minnflok iccitat il-Kapitolu 9, cioe' l-Kodici Kriminali, ccitat il-Kapitolu 12 u cioe' l-Kodici tal-Organizzazzjoni w Procedura Civili.*

*Illi dan skond gurisprudena ormai stabilita jgib in-nullita' tas-sentenza appellata w ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan fir-rikors tal-appell, din il-Qorti "ex officio" ma tistax thalli dan l-izball ghaddej qiesu ma kien xejn u - tikkonferma, tvarja jew tirrevoka sentenza appellata li tkun nulla ghax ticcita Kapitolu tal-ligi zbaljat bi ksur ta' dak li jiddisponi l-artikolu 382 tal-Kap. 9.*'

Il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Carmelo Bartolo) vs Stephen Bonsfield**[2] ikkunsidrat li:

'*l-aggravju tal-appellant dwar in-nullita' tas-sentenza ghandu jigi akkolt mhux biss ghaliex l- Ewwel Qorti naqset li ssemmi l-fatti li taghhom l- appellant instab hati, imma ukoll ghaliex, kif irriskontrat din il-Qorti "ex officio", fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ccitat artikoli li* ***mhux biss ma gewx indikati lilha mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu, imma artikoli li jew huma inezistenti jew manifestament zbaljati***.' (Emfazi mizjuda minn din il-Qorti.)

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Kevin Borg) vs Edward Chatlani'**[3] ġie kkunsidrat li: '*pero' din il-Qorti tirrileva li b' lapsus evidenti, l- Ewwel Qorti, fis-sentenza*

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Novembru, 2007 (Appell Kriminali numru: 322/2007)
[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' April, 2006 (Appell numru: 327/2005)
[3] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 ta' Awissu, 2006 (Appell numru 97/2006)

*appellata, meta kienet qed telenka l-artikoli li tahthom sabet htija, ghamlet riferenza ghall-artikolu 288 (B), li ma jezistix fil-Kodici Kriminali, minnflok ghall-artikolu 298B li kien gie indikat lilha fic-citazzjoni mill-Prosekuzzjoni.*

*Dan l-izball jirrendi s-sentenza nulla ghall-inqas f' din il-parti taghha ghaliex, kif dejjem gie ritenut skond l- artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal- Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena* *<u>w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r- reat</u>; (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Daniel Lanzon"[4] u ohrajn)* (Emfazi miżjuda u data tas-sentenza ccitata tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija v. John Sultana</u>**'[5] fejn gie kkunsidrat li:

*'L-Artikolu 382 tal- Kodici Kriminali jghid li s-sentenza moghtija kontra l-imputat ghandu jkollha fiha cioe` issemmi, fost affarijiet ohra, l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li jkun jikkontempla r-reat li tieghu dak li jkun ikun qed jinstab hati. S'intendi jekk l-artikolu tal-ligi citat fis-sentenza jkun jew inezistenti jew jigi citat artikolu b'iehor, dan ikun daqs li kieku l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r- reat ma giex indikat. Hekk jidher li gara f'dan il-kaz; l-Artikolu 338(zz) tal- Kodici Kriminali ma jezistix. L-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat ipotizzat fl- imputazzjoni huwa l-Artikolu 338(z). Kif gie dejjem ritenut minn din il-Qorti, tali difett jammonta ghal nuqqas ta' formalita` sostanzjali b'mod li jkun applikabbli s-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 428 tal-Kodici Kriminali...'*

Ghalhekk kjarament in-nuqqas ta' indikazzjoni ta' artikoli tal-ligi jew l-indikazzjoni skoretta tal-artikoli li jikkontemplaw ir-reati li tahthom tkun instabet htija tammonta ghal nuqqas fil-formalita' sostanzjali tas-sentenza li twassal ghan-nullita' taghha. Din il-Qorti sejra ghalhekk *ai termini* tal-artikolu 428(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tannulla s-sentenza appellata, tqis l-aggravji tal-appellant bhala sottomissjonijiet in difeza u tiddeciedi l-kaz fil-mertu mill-gdid.

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 ta' Ottubru, 2005
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Marzu, 2001 (Appell Numru 14/2001)

Illi l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-appellant taqra:

1. *Akkuzat talli kellek fil-pussess tieghu jew taht il-kontroll tieghu arma tan-nar tal-ghamla Benelli Confort bin-numru tas-serje M 635602 u jew munizzjoni jew xi mezz iehor biex tikkaccja jew tiehu ghasafar minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Kapitolu 480 Art 5 (1);*

Din il-Qorti ghalhekk trid tistharreg jekk jirrizultax ippruvat li l-appellant kien qieghed igorr arma tan-nar minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija. Fl-ewwel lok jirrizulta ippruvat li l-appellant ma kellux licenczja sabiex igorr arma tan-nar jew munizzjon. Fid-dokument li jinsab a fol 48 mahrug mill-Ufficju tal-armi f'Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015) taht '*Owned Firearms/Weapons*' ma tnizzlet l-ebda arma. WPC 117 Sylvia Zarb quddiem din il-Qorti diversament preseduta fis-sebgha (7) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn dwar Carmelo Camilleri xehdet li '*F'dik is-sena kellu sitt (6) snieter registrati fuq ismu. <u>Mentri Simon Camilleri, ma' kellu l-ebda tip ta' licenzja, la biex igorr u lanqas biex izomm.</u>*' Ma jirrizultax kjarament jekk din ix-xhud kinitx qieghda tirreferi ghad-disgha (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) jew ghas-sena elfejn u hmistax (2015) li tinstema fix-xhieda taghha. Nonostante dan ma tirrizultax kontestazzjoni li l-appellant ma kellux licenzja biex igorr armi, tant li meta quddiem din il-Qorti gie mistoqsi '*f' din il-ġurnata li semmejtlek, ngħid sew li inti bl-ebda' mod ma kellek xi forma ta' liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija biex inti ġġor jew iżżomm xi arma?*' wiegeb '*Ilni żmien bla liċenzja, jiena qatt ma kont bis-senter.*' Ghalhekk jonqos li jigi kkunsidrat jekk giex ippruvat li l-appellant kellu xi tip ta' arma tan-nar fil-pussess tieghu dak in-nhar tad-disgha (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014).

L-appellant fl-appell tieghu jaghmel numru ta' sottomissjonijiet dwar principji legali u cioe' dwar il-grad tal-prova rikjesta fil-kamp penali, dwar min ghandu l-oneru li jipprova l-kaz u dwar il-kunflitt tal-provi. Jaghmel referenza ghal dak li xehdu Carmelo Camilleri u l-appellant Simon Camilleri u ghal dak li xehdu xhieda ohra tal-prosekuzzjoni komparat mal-verzjoni moghtija a tempo vergine. Din il-Qorti taghmilha cara li stante li x-xhieda ta' quddiem l-Ewwel Qorti ma gietx traskritta, din

il-Qorta ma hijiex f'pozizzjoni li tikkompara dak li x-xhieda qalu quddiem l-Ewwel Qorti ma dak li ntqal a tempo vergine izda sejra tqis dak li xehdu quddiem din il-Qorti diversament ippreseduta u dak li jirrizulta mir-rapport tal-Pulizija u mill-affidavit ta' PS 1181 Eugenio Caruana. Jirrizulta ukoll li mhux ix-xhieda kollha li xehdu quddiem l-Ewwel Qorti gew prodotti quddiem din il-Qorti. Xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni xehdu quddiem din il-Qorti diversament preseduta filwaqt li l-appellant u Carmelo Camilleri xehdu quddiem din il-Qorti kif preseduta.

PS 1181 Eugenio Caruana permezz ta' affidavit iddikjara li '*Nhar id- 9 ta' Novembru 2014 ghall habta tal-11:00am gie jirraporta l-ghassa ta' Haz Zabbar certu Charles Magro bin Joseph u Rosina xebba Mizzi imwieled fis-16/5/1959 u joqod 61, triq wied il-ghajn, Zabbar, flimkien ma' Certu Antoine Camilleri, fejn dawn qalu li huma kienu qedin ghall kacca flimkien huma qalu li maghhom kien hemm certu Alfred Farrugia li izda dan baqa fl-ghalqa peress li ghandhom l-affarijiet hemm din l'ghalqa li tinsab wara l-fortizza tal-Grazzja fi triq San Leonardu huma ziedu illi sema' xi tiri ta' senter u f'dak il-hin hassew xi comb jinzel fuqhom bil-konsegwenza li comba laqtet lill Charles Magro f'ghonqu u zewg combiet laqtu l-kelba li kellu hemm ukoll.*'

Spjega li '*Charles Magro qal illi huwa hareg fit-triq ghax kien jaf min spara u kif hareg ra lill certu Simon Camilleri bin Carmelo u Mary Grace xebba Grech imwieled fit-22/9/1988 u joqod fi' 8 triq Spadaro Zabbar* ***<u>bis-senter f'idu jispara tir iehor</u>*** *huwa qal illi kif rah qal lill Simon ghaliex kien qed jispara fil-baxx u dan ( Simon) qabad igaralu l-gebel.*'

Ghalhekk skont dan il-Pulizija, Charles Magro irraporta li kien ra lill-appellant bis-senter jispara tir. Il-Pulizija mar fuq il-post fejn '*sibt ukoll lill Alfred Farrugia li dan qal illi waqt li huwa kien qijad ma shabu ghall kacca beda nizel xi comb li laqat lill kelba u lill Charles huwa qal illi Charles Magro hareg barra u Simon beda jgaralu l-gebel huwa qal illi* ***<u>Simon kien b'senter f'idu</u>****, Farrugia zied illi sakemm shabu telaq l-ghassa halli jaghmlu rapport huwa baqa l-ghalqa minhabba li ghandhom l-affarijiet fil-hin li kien wahdu hemm Simon spara 7 tiri ohra u dawn kienu fil-vicin ta' xi ghasafar li huma ghandhom huwa kompla jghid illi f'dan il-sema*' lil Simon jghid '*OHORGU JA LIBA HA NOQTOLKOM.*' Iddikjara ukoll li '*Kellimt ukoll lil Antoine Camilleri fejn dan qal li kien fid-dura u sema' t-tiri u l-ghajjat ra lil Charles hiereg u ra il-****<u>Simon b'senter f'idejh igara l-gebel</u>****, jien ergajt*

*saqsejtu jekk lill Simon kienx rah b'senter f'idu huwa rega ikkonfrmali li l-**__Simon rah bis-senter f'idu__**.'*

PS 1181 Eugenio Caruana kellem ukoll lil Phillip Farrugia '*fejn dan qalli li kien fl-ghalqa tieghu li tinsab ftit l-isfel minn ta' Charles Magro u Alfred Farrugia beda jisma hafna ghajjat ftit minuti wara huwa sema' lill Magro u Farrugia isejhulu sabiex jitla jnehilom il-vettura biex ikunu jistaw imorru l-ghassa jaghmlu rapport*.' Spjega ukoll li '*kif nizel lura wara li kien nehha l-vettura sema aktar ghajjat kif ukoll sema 7 tiri ohra li gew sparati fl-istess hin sema lill xi hadd jaghjat u jghid "OHROGU HALLI NOTQOLKOM JA LIBA",* huwa qal li ma setghax jikkonferma min kien dan.

Dan il-Pulizija spjega li mar l-ghalqa fejn sab lil Simon Camilleri u missieru u PS1141 u PC451 mit-taqsima tal-ALE li qalulu li huma kienu ghadhom kif waslu li '*f dak il-hin sabu lill missier Simon li kien qijad ghall kacca u **__l-uniku senter li kien hemm fuq il-post instab fil-kustodja tal-missier__**.*' Tnizzel ukoll li '*Irid jigi inutat illi mill-hin li waslu l-ALE fl-ghalqa ta' missier Simon u l-hin tal-incident kienu ghaddew madwar 20 minuta u ghalhekk ma'jistax jigi ikkonfermat li l-arma kienet il-hin kollu fil-kustodja tal-missier.*' Kellem lill Carmelo Camilleri '*fejn dan ikkonfermali li l-arma hija registrata fuqu, iccekjajt il-licenzja u dan ikonfermajtu, meta staqsejtu x'gara qalli "li huwa kien ghall kacca u mieghu kellu lit-tifel tieghu Simon, f'hin minnhom huwa (il-missier) spara ghall malvizz u dan waqa gewwa sigra f'dan il-hin huwa qal lill Simon sabiex imur jigbru, Simon mar jigbor it-tajra flimkien mal-kelba.*' Kompla li '*Nghid li jista jkun nizel xi comb ghax is-sigra tinsab ezatt fuq l-ghalqa ta' Magro u qeda ftit baxxa, huwa qalli illi fl-ebda hin ma' kien ta' l-arma lill Simon izda x'gara isfel ma'jistax jikkonferma ghax ma'kienx hemm.*'

Fl-istess affidavit gie ddikjarat li '*Kellimt lill Simon Camilleri fejn dan qal " illi huwa kien ma' missieru u f'hin minnhom missieru spara fuq malvizz li waqa f'sigra huwa qal li nizel ifittex il-malvizz bil-kelba u kif kien qed jofroq il-frijej sab lill Charles Magro ma' wiccu dan beda jaghjat u qabel igaralu l-gebel lejn il-kelba fl-istess hin Magro beda jehded lill Simon u kien hawn li huwa gara l-gebel lura huwa qal li fl ebda hin ma kellu senter f'idu jew li spara xi tir.*'

Tnizzel ukoll li '*Minn investigazzjonijiet irrizulta li dawn il-persuni ilhom bl-argumenti bejnithom u meta kellimt lil Alfred Farrugia qal illi kemm il-darba qallu lill Simon ma' jisparax lejn id-direzzjoni taghhom ghax kull darba kien qed jaqa ic-comb izda dan qatt ma' ta' kaz taghhom.*' Giet elevata l-arma tal-marka Benelli Comfort bin-numru ta' registrazzjoni M635602 u dan ghall fini ta' protezzjoni din l-arma tinsab fil-kwartieri generali QMS number : 207/14.

Fir-rapport tal-Pulizija tnizzel li:

'*Illum 9 ta' Novembru 2014 ghall habbta tal-11:00am irraporta certu Charles Magro fejn qal illi huwa kien qijad ghall kacca flimkien ma' certi Antoine Camilleri u Alfred Farrugia f'ghalqa li tinsab wara l-fortizza tal-Grazzja li tinsab fi triq San Leonardu u f'hin minnhom hassew xi comb jinzel fuq bil-konsegwenza li comba laqtet lill Charles Magro f'ghonqu u zewg combiet laqtu l-kelba li kellu hemm ukoll.*

*Charles Magro qal illi huwa hareg fit-triq ghax kien jaf min spara u kif hareg ra lill certu Simon Camilleri bis-senter f'idu jispara tir iehor huwa qal illi kif rah qal lill Simon ghaliex kien qed jispara fil-baxx u dan qabad igaralu l-gebel huwa qal li ha jipprovdi certifikat mediku tieghu u tal-kelba.*

*Il-Pulizija marret fuq il-post fejn hemm hekk sabet ukoll lill Alfred Farrugia li dan qal illi waqt li huwa kien qijad ma shabu ghall kacca beda nizel xi comb li laqat lill kelba u lill Charles huwa qal illi Charles Magro hareg barra u Simon beda jgaralu l-gebel huwa qal illi Simon kien b'senter f'idu. Farrugia zied illi sakremm shabu telaq l-ghassa halli jaghmnlu rapport huwa baqa hemm u fil-hin li kien wahdu hemm Simon spara 9 tiri u dawn kienu fil-vicin ta'xi ghasafar li huma ghandhom huwa sema lill Simon jghid "OHORGU JA LIBA HO NOQTOLKOM.*

*Il-Pulizija kelmet ukoll lill Antoine Camilleri fejn dan qal kont fid-dura u smajt it-tiri u l-ghajjat rajt il-Charles hiereg u rajt il-gebel li kien qed jitgara, mistoqsi nghid u nikkonferma li rajt il-Simon b'senter f'idu.*

*Il-Pulizija kelmet lill Philip Farrugia fejn dan qal li kien f'ghalqa l-isfel minn ta' Alfred Farrugia u hin minnhom dawn bdew isejhulu sabiex jitla jnehilom il-vettura bix ikunu jista*

*imorru l-ghassa jaghmlu rapport tela'jnehhi l-vetturi u kif kien hemm sema' hafna ghajjat u 7 tiri ohra gew sparati fl-istess hin sema lill xi hadd jaghjat u jghid " OHORGU HALLI NOQTOLKOM JA LIBA ".*

*Sadanitant PS1141 u PC451 marru fid-dura fejn Simon Camilleri u missieru kienu fejn dawn sabu lill missier Simon li kien qijad ghall kacca u senter kien fil-kustodja tal-missier.*

*Mitkellem il-missier li fuq hija registrat l-unika arma li instabeb qal illi huwa kien ghall kacca u mieghu kellu lit-tifel tieghu f'hin minnhom il-missier spara ghall malvizz u dan waqa gewwa sigra f'dan il-hin huwa qal lill Simon sabiex imur jigbru, Simon mar jigbor it-tajra flimkien mal kelba. Nghid li jsta jkun nizel xi comb ghax is-sigra tinsab ezatt fuq l-ghalqa ta' Magro u qeda ftit baxxa.*

*Mitkellem Simon Camilleri qal illi huwa kien ma' missieru u f'hin minnhom missieru spara fuq malvizz li waqa f'sigra huwa qal li nizel ifittex il-malvizz bil-kelba u kif kien qed jofroq il-frijej sab lill Charles Magro ma'wiccu dan beda jaghjat u qabad igaralu l-gebel lejn il-kelba fl-istess hin Magro beda jehded lill Simon u kien hawn li huwa gara l gebel lura qal li fl ebda hin ma kellu senter f'idu.*

*Jirrizulta illi dawn il-persuni ilhom bl-argumenti bejniethom Alfred Farrugia qal illi kemm il-darba qalu lill Simon ma' jisparax izda qatt ma ta kaz taghhom, jirrizulta illi Simon ghandu licenzja tal-kacca sospiza...'*

Fost affarijiet ohra, tnizzel ukoll li '*Is-Senter numru M635602 tal-marka benelli gie elevat mill-Pulizija ghall fini ta' protezzjoni fejn inharget is-solita ircevuta*'.

Antoine Camilleri li xehed quddiem din il-Qorti diversament ippreseduta fl-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) spjega li kien qieghed jonsob San Annard. Kien ghalih wahdu u l-ohrajn kienu isfel u sema tir. Hareg Chalie Magro ikellem lil Simon Camilleri bil-kelma t-tajba, spjega li '*Bdejt nisma l-ghajjat, mort nittawwal jiena u nzilna hdejhom hekk isfel. Insib lil Simon iwaddab il-gebel lil Simon Magro, u joffendih. U kif konna dehlin il-gewwa, nisimghu tir, kien ghal fuq il-kelba. Chalie beda jghajjtilha lill-kelba u ma' hargitx, u x' hin harget u mort naqbadha b' idejja, kienet*

*mimlija demm.*' Mistoqsi jekk jaf min spara lejn il-kelba wiegeb Simon. Jghid li ***'Hu biss kien hemm kaccatur***.' Jghid li ***'Kellu l-arma f' idejh***.' In kontro-ezami rega qal li kaccatur hu biss kien hemm, b'referenza ghal Simon. Jghid li lil Simon iwaddab il-gebel lil Chalie rah. Lil Simon ma rahx jispara. Xehed li '*Chalie ma' jismax u ma' bediex jinduna li qed joffendih Simon.*' Jghid li lil Simon xebaw jghidulu biex ma jisparax hemm isfel. Chalie mar biex ikellmu izda jghid li ma semghax id-diskors bejniethom izda jghid li beda jisma l-paroli, l-ghajjat. Jghid li imbghad mar hdejhhom barra. Chalie ma beda jghidlu xejn. Il-kelma li mar qallu kien ghadu ma lahaqx hdejhom hu. In ri-ezami mistoqsi '*Il-mansab tieghek huwa vicin id-dura ta' Chalie Magro?*' wiegeb '*Minn gos-sigar, id-dura tieghi qieghda aktar il-fuq u hu jinzel gos sigar. L-isfel.*' Spjega li mar hdejn Chalie Magro wara li beda jisma l-ghajjat. Semghuh joffendih.

Alfred Farrugia xehed fl-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) quddiem din il-Qorti diversament preseduta fejn qal li kien f'nofshom bejn Chalie Magri u bejn Toni Camilleri, kien go nofshom fl-ghalqa, kienu fuq xulxin it-tlieta. Ra lil Chalie hiereg jigri bid-demm ma ghonqu u tela' l-fuq fil-moghdija u wara qisu zewg minuti semgha hafna ghajjat, tela u hareg bil-mod u '*nara lil Simon jitfaghlu kull gebla daqshekk lil Chalie u joffendih b' ommu u b' missieru.* ***U bis-senter f' idejh.*** *U l-kelba kienet tahtu.*' Il-kelma kienet ta' Chalie, kienet tahtu. Mistoqsi dwar il-kliem li uza qal '*Il-kliem li beda jghidlu: "Foxx ommok u foxx missierek." U mbghad jien qbadt lil Chalie u nizziltu l-isfel. u lil Twannie u kif dorna nisimghu tir hekk "Bumm" u rajna l-kelba kollha demm. U Toni qabad il-kelba, refaghha u nizel l-isfel warajna. Inzilna, cempilna l-Ghassa, gew il-Pulizija u kif gew il-Pulizija, ha lil Toni u kemm lill-Charie l-fuq. Kif telghu r-rampa minn hdejja, hekk, nerga nisma lil Chalie u lil Simon joffenduna "Liba, ohorgu minn hemm. A liba ohorgu.' U nisma pumm. Pumm, pumm. Tawni seba (7) ghal gol-kamra.*' Jghid li gol-kamra ta' warajh u beda jahbat kollu mieghu c-comb. Jispjega li seba' tiri ta' jigifieri l-armi tawhom tnejn (2) mhux wahda. Sparaw it-tnejn go fih. Cempel id-Depot u gew il-Pulizija u baqa hemm. Jghid li Simon u Chalie sparaw ghax semgha lehinhom, hliefhom ma kienx hemm. Mistoqsi jekk rahomx jisparaw jghid li huma warajh sparaw imma lehinhom semgha. Il-comb beda gej u beza u dahal il-gewwa. Beda jisma dagha bil-Madonna u b'Alla. Jghid li jagharafhom. Il-kelba fieqet. Jghid li dakinhar stess rega sparalu ghal gol-papri.

In kontro-ezami mistoqsi fejn kien Simon Camilleri wiegeb li fil-moghdija warajhom u tela' mal-fortizza. Tela fuq ghax huma l-dik taghhom jigu minn wara u jitla fuq. Dwar Chalie jispjega li mar biex jara minn spara u sab lilu. Simon kien qieghed jargumenta ma' Chalie, semgha hafna dagha u jsemmilu l-ommu u lil missieru. Chalie ried ikun jaf ghalfejn spara go fih. Jghid li arma wahda kien hemm u wiehed wahdu kien hemm. Meta telghu Chalie u Simon mal-Pulizija semgha hafna dagha minn Chalie u minn Simon. Jghid li s-senter ma jistax jesa sebgha (7) ghax is-senter tieghu jesa tlett (3) tiri. Ma jistax jitfaghlu sebgha (7) allura jghid li zewg armi uzaw. Huwa arma wahda ra. Jghid li sema lehen l-iben u l-missier. Ikkonferma li ilhom bl-inkwiet bejnithom u li dejjem joffendih u jghajru kuljum.

Philip Farrugia fix-xhieda tieghu tas-sebgha (7) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) mistoqsi jekk jiftakar meta gara l-incident jghid li f'Ottubru ta' sentejn ilu. Jghid li hu ma ra xejn ghax jonsob l'isfel minnhom, bilkemm jaraw lil xulxin. Ghajtulu z-zijiet Chalie Magro u kien hemm Toni, jaf li bdew jghajtu u qalulu biex inehhilhom il-karozza ghax kien warajhom. Tela u qalulu li laqtulu l-kelba ta' Chalie. Ressaqilhom b'lura, hargu u telqu u rega dahal f'postu fejn kien. Kif dahal god-dura, gie xi hadd ma jafx min hu u sparaw sebgha (7) tiri go fihom. Direzzjoni ghal go fihom. Hu u z-ziju Fred kienu god-dura.

Chalie Magro fix-xhieda tieghu tas-sebgha (7) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) quddiem din il-Qorti diversament preseduta. Xehed li kien fid-disgha (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u hmistax (2015), mistoqsi jekk jistax ikun fl-elfejn u erbatax (2014) wiegeb li ma jidhirlux. Jghid li mhux Novembru li ghadda, ta' qablu. Kienu qed jonsbu hu, Fredu Farrugia u Toni. Jghid '*qomt ezattament ezattament naghmel l-awrina, fejn id-dura, u sparaw tir u laqtuni b'comba. Mort, u sibt lil Simon.*' Mistoqsi jekk ghandux idea minn fejn gew it-tiri wiegeb '*Iva. M'hemmx boghod voldieri. Qed ifittex l-oggett stess li spara ghalih. Voldieri dan ma' kien hemm hadd izjed. U ghidtlu, ghidtlu: "Isma Simon, ara kif tispara." Din mhux l-ewwel darba Sur Imhallef, nghidulu, minn wahda tidhol u mill-ohra tohrog. Qabad joffendini, qbadt noffendih jien ukoll, ha nkun ezattament, qabad gebla f' idu, u tlaqt jien b' idi f' idi. Tlaqt l isfel hux. U qabad iwaddabli l-gebel.*' Jghid li '*Ilqajt wahda b'idi. Ghax jiena waqaft u kull darba niskarta l-gebla. Anke lill-Pulizija, wrejtulhom il-gebel fit-triq. Issa jiena s' hemmhekk kien jghaddi*

*kollox ghax din mhux l-ewwel darba li lletika ma' bniedem u sebah u dalam. Kif bdjet....., nisma pumm. U nsib lill-kelba gejja bid-demm.'* Cempel id-Depot, id-Depot cemplu l-Ghassa ta' Haz-Zabbar. L-Ghassa ta' Haz-Zabbar ma kienux jafu l-post fejn, qalulu biex imur jistennihom fejn ir-roundabout tax-Xghira, mar jistennihom. Ma kienx hemm meta regghu gew ghall-ohrajn. Simon kellu is-senter. Spjega li '*Dak il-hin qed ifittex l-oggett li qatel. U qed ifittxu. X'hin illetikajna dik in-naqra, mhux l-ewwel darba, ghax din procedura bejnietna u jghaddi kollox, qabad joffendini, qbadt noffendih jien ukoll u qabad il-gebel. Qabad il-gebel, jien ersaqt lura u warrabt. U beda jwaddab, jwaddab. Waqaft hekk jiena, ghax jekk iddur il-gebla ma' tarahiex. U daqqa lil hinn u daqqa lil hawn. u darba minnhom ilqajt wahda b'idi. Imma erhilha ghax ma' weggajtx hafna. Kemm ilqajtha. Daqshekk. Imxejt naqra ohra u nisma pumm.Voldieri ezatti fejn kien hu. Ma' jistax joqghod jghid "dak jew l-iehor". Dan kien wahdu hemmhekk. Wahdu. Sulu.*'

Meta mistoqsi '*Sakemm kont qed thares lejn Simon, waqt li kien qed igaralek il-gebel, is-senter, baqa' fejn kien?*', wiegeb '*Baqa' f' idu. Wahda bis-senter u l-ohra bil-gebla. Kif imxejt naqr' ohra, nisma pumm. Ezatt, ezattament hu, voldieri. Hemm fil-post, ghax ma' kien hemm hadd.*' Jghid li '*Tir wiehed, l-ewwel wiehed laqatni. It-tieni wiehed giet il-kelba bid-demm. Ghax il-kelba giet mieghi dak il-hin u nnocenti u ma' tafx hux, u mbghad giet lura mcappsa bid-demm.*' Mistoqsi meta semgha t-tir jekk kien qed ihares lejh jew kien dahru lejn Simon wiegeb '*Dort biex imwarrab. Waqaft dak il-hin li beda jwaddab il-gebel. U mbaghad ovvja, x' hin ikollok cans ha twarrab, appena forsi kemm imxejt minn hawn u din il-mejda, nisma pumm.*' Mistoqsi jekk rax lil Simon jispara u jekk Simon kien l-uniku wiehed fl-akwati wiegeb '*L-unika wiehed li kien hemmhekk. L-uniku wiehed.*' In kontro-ezami suggeriet lilu li xhieda l-ohra qalu li raw lil papa' wkoll u li qalu li raw li kellu s-senter, wiegeb li qed jigdbu mija fil-mija. Ma kien hemm hadd izjed, '*Jiena u hu. U l-kelba tieghi u l-kelba tieghu.*' Waqt l-incident qatt ma ra lil missier Simon. Jghid li lil missieru ilu jafu, kienu skola flimkien. Gieli lletikaw, jghaddu jumejn u jergghu jitkellmu, qatt ma ghamlu dawn il-kummiedji.

Xehed Alfred Farrugia fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) quddiem din il-Qorti diversament preseduta fejn dak in-nhar tal-incident kien bilqeghda f'nofshom jigiefieri f'nofs Chalie u f'nofs il-kugin l-iehor. Chalie Magro u Toni. Jghid li '*U nara lil Chalie, nisma tir warajja u nara lil Chalie hiereg id-demm minn*

*hawn. Minn ghonqu. U tela' l fuq hekk, fetah ix-xatba u mar fuq U dak il-hin ma' qallix x' gara u ma' garax, lili. Tlajt, u nsib lil Chalie jithadded ma' Simon. U qallu: "Ara x' ghamiltli f' ghonqi." U r-ragun ried jehodha hu. U jiena tlajt, qbadt lil Chalie u nizziltu l-isfel, u kif dawwartu u nzilna, nara lil Simon bis-senter u bil-gebla f' idejh. Ikellem lil Chalie u joffendih b'ommu u b'missieru. Jien qbadtu, nizziltu l isfel u kif dorna nisma bumm warajja u nara lil kelba kollha demm. U kien hemm il-kugin l-iehor, Twanny u qabad lill-kelba u refaghha u nzilna l isfel. Inzilna isfel, cempilna l-Ghassa ta' Haz-Zabbar. Gew il-Pulizija, qghadu jitkellmu kif ghandhom jitkellmu. U telqu l fuq. U telqu l fuq mal-Pulizija. U hu telaq mal-kelba biex ifejjaq lill-kelba, Chalie. Minnufih, kif telghu minn hdejja hekk, rega l-missier u l-iben, bdew joffenduna: "Ohorgu a liba, ohorgu." U qabdu jisparaw sebgha (7) tiri ghal go fijja.'* Il-Pulizija telqu, hallewhom hemmhekk. Meta sparaw ghalih is-seba' (7) tiri rega' gew il-Puliizja. Kien wara l-kamra u kellmuh hazin "*liba u dan.*" Fejn spara jigi tahtu ghal ghandu, dejjem go fih ic-comb. Jghid li huma telghu fuq il-kamra fl-gholi u bdew jisparaw ghal go fih. Gew ukoll tal-ALE. Dan kien il-Hadd u t-Tnejn filghodu, rega gie u sparalu ghal gol-papri.

Spjega li '*Jien, meta gie Simon, nisimghu ghax hlief dagha mal-klieb ma' tismax. Tinduna li hu. Tinduna. U minflok gie missieru u qallu: "Ibred ibni," kompla mieghu Sur Imhallef, ghax spara mieghu. Ghax it-tnejn gharafthom minn lehinhom jien. It-tnejn gharafthom. Minn hawn u l-mina tal-Belt, ninduna li gejjin huma. Tinduna li gejjin huma.*' Spjega li '*Il-kelba kienet naqa l fuq minna. U Simon kien fuq il-moghdija. Din hemm moghdija tiela hekk u Simon kien fix-xifer tal-moghdija. Chalie hawnhekk, jiena hawnhek u Toni n-naha l-ohra. Kif gejna t-tlieta hekk, il-kelba kienet qieghda tahtu, kif dorna, pumm. Spara fejn saqajha, fejn saqajha sparala.*' Il-kelba fejqguha. Mistoqsi dwar id-data ta' meta sehh l-incident wiegeb li ma jafx, jghid li '*Mhux f' Ottubru li gara.*' Jghid li tas-sena li ghaddiet, u li ma jafx jaqra, ma marx skola. Kienu sittin pied, sebghin pied, jigifieri vicin. Jghid li lil Simon jinduna li jkun gej bil-klieb. Mill-ewwel jinduna, ghax joqghod jitfalghom il-gebel. Jghid li l-klieb ixxommuh. Lil Simon rah mal-klieb jghajjat. Jghid li '*Mal-klieb, imma kif hrigt minn gol-kamra jiena, lil Simon rajtu bis-senter f' idejh.*' Meta ra lil Simon gej mit-tarf tal-moghdija bil-kliem, huwa kien wara x-xatba. Jghid li '*laqat lil Chalie f' ghonqu dak il-hin. Ghax hu hemm kantuniera, u spara minn gol-kantunieri ghal go fina. Kif tela' minn gor-rampa hekk, ghal go fina. Ic-comb kollu ghal go fina. Dan mhux l-ewwel darba li spara Sur Imhallef.*' Mistoqsi jekk Simon kellux xi haga f'idu, wiegeb '*Is-senter u kull*

*gebla daqshekk kif hrigt jiena.*' Spjega li '*Hareg, biex jara min hu u sab lilu hemmhekk ezatt. Kif hareg minn gol-kamra, sab lilu.*' Huma kienu wara hajt tas-sejjieh. Spjega li '*fejn joqghod Chalie ghandu l-hajt baxx, bil-qasab. U hu spara minn warajh u hadu dirett hawnhekk. Ghax hu joqghod hekk god-dura, bilwieqfa ghax hemmhekk hemm dura bilwieqfa. U hadu dirett hawnhekk, go ghonqu. Ghax mar jghidlu, dawn dejjem huma jehduh ir-ragun. Dan mhux l-ewwel darba.*' Mistoqsi kemm il-senter ra, jghid li l-ewwel li ra, wiehed. Jghid li '*Kif telqu l-Pulizija, tnejn kienu armi. Is-senter ma' jisparax seba' tiri.*' Jghid li l-ewwel darba Simon spara u gew il-pulizija. Dak il-hin huma telqu mal-Pulizija u gie Chalie u missieru jisparaw minn fuqu. Minn warajh. Spjega li '*Dak il-hin, kif telghu mal-Pulizija, gew minn wara, u "A liba, ja kurnut, ohrog minn hemm." U sebgha tiri sparaw ghal go fijja. U cempilt lil tad-Depot nigri.*' Jghid li t-tnejn kienu bis-senter, is-senter ma' jisparax sebgha. In ri-ezami ikkonferma li meta ntlaqat Chalie, cemplu d-Depot u gew il-Pulizija. Spjega li '*Qabel ma' gew il-Pulizija, hrigt barra, hrigt barra Sur Imhallef u sibt lil Chalie jippilla ma' Simon. Bis-senter f'idejh, u kull gebla daqshekk, jitfaghlu minn fuq il-moghdija. Tlajt nigri jiena ghax ghidt: "Ha joqtlu." Jitfaghlu, jitfaghlu. Ghax dan, bniedem naqra perikoluz, trid tibza minnu, perikoluz hafna. Hu jitfaghlu l-gebel, jiena qbadt lil Chalie u dawwartu l isfel. U Toni kien in-naha l-ohra. Kif dorna biex ninzlu l isfel, nisma bumm warajja. U spara lill-kelba. Qabad il-kelba, gabarha u nzilna l isfel. Dak il-hin, kif inzilna fejn il-kamra, cempilna l-Ghassa ta' Haz-Zabbar u gew. Gew il-Pulizija. Qabduh lil Chalie, qalli "Imxi maghna." U jien ghidtlu: "Jiena x' ha naghmel bl-ghasafar?" Kellna l-ghasafar kollha barra ghax konna qeghdin nonsbu. Qalli: "Mela oqghod hawn." U tela' Chalie, dawn startjaw il-karozza, telghu l fuq u kif telghu l-fuq, rega gie Chalie u Simon ikelmuna hazin. It-tnejn: "Ohorgu a liba.*" Fil-karozzi telqu Chalie u Tony mal-Pulizija. Mistoqsi jekk il-Pulizija kelmu lil Simon wiegeb '*Simon, issa kif telqu l-Pulizija, kif telqu minn hdejhom il-Pulizija, rega gie Simon u missieru minn warajja, u jkellmuni hazin: "Foxx il-liba, ohrog." Ma marrux mal-pulizija, baqghu hemm, gie missieru u flokk tah ezempju, spara mieghu. Huwa kien fejn ix-xatba, u huma kienu fil-kamra ta' kuginthom. Kif ghalaq ix-xatba sema t-tiri ghal go fiha. Sebgha tiri u "Ohorgu a liba. Ohorgu.*" Jghid li gharafhom minn lehinhom il-missier u l-iben. Huwa ghalaq ix-xatba u rega cempel lid-Depot u gew tal-ALE u regghu cemplulu saqsih fejn qeghdin. In kontro-ezami ulterjuri qal li niezel fl-ghelieqi ilbierah u ha jkollu jgorr kollox ghax harqulu kull ma hemm. Mistoqsi jekk kienx hemm aktar incidenti bejniethom wiegeb li xi kultant jisparaw

ghal go fih. Li nizel comb, baqghu l-istess jispraw, min spara minnhom ma jafx, imma xi kultant jara lil xi hadd minnhom ghaddej.

Ghalhekk jirrizulta li Antoine Camilleri, Alfred Farrugia li din il-Qorti qieghda tifhem li xehed darbtejn quddiem din il-Qorti diversament preseduta u Chalie Magro lkoll raw lil Simon Camilleri bis-senter f'idu. Philip Farrugia minn naha l-ohra ma rax is-senter peress li kien f'ghalqa aktar l'isfel.

Minn naha l-ohra kemm l-appellant Simon Camilleri u Carmelo Camilleri li xehdu quddiem din il-Qorti fit-tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) cahdu li l-appellant kien fil-pussess tal-arma. Simon Camilleri spjega li dakinhar kien ma missieru fl-ghalqa iduru ghal kacca Haz-Zabbar ix-Xghajra. Missieru spara tir u baghtu jigbor malvizz ghax nizzlu l-klieb u ma setghux igibuh. Jghid li '*Jiena nżilt u nsib persuna tela*' *wara xi ħames minuti għalija, jgħajjat u jidgħi...*' Dan kien Charlie Magro "*Għax qal li laqtu missieri bit-tir x'ħin spara f'dik id-direzzjoni minn isfel u missieri bilfors l-isfel ried jispara.*' Mistoqsi x'gara qal '*ħafna dagħa u għajjat miegħi u għedtlu lili għalxejn qed tgħidli lili ... inti ħafna tgħajjir u hekk għedtlu lili għalxejn qed tgħidli u gara ġebla lejn il-kelba tiegħi. Għedtlu l-kelb tiegħi mhux ser tgaralha ġebel u garajtlu ġebla jiena lura.*' Spjega '*Imbagħad missieri kompla jdur u kompla jispara xi tir l'hemm wara u aħna w sejrin lejn il-kamra ġew il-pulizija għalina.*' Jghid li '*Ħaduna l-għassa, qalulna inti sparajt l'hemm isfel u lqattu xi ċomba, lqattlu l-kelb .. qalli lqattlu l-kelba?*' Mistoqsi '*Jiġifieri l-pulizija min qalu li spara?*' wiegeb '*Qallu li t-tifel. Qallu le mhux it-tifel, qallu jiena sparajt missieri lill-pulizija.*' Bdew jghidu li hu spara jghid li '*jiena għax ra lili ma wiċċu, għax il-kelba kien waħħlilha l-mallvizz meta kont inżilt jiena.*' Minn hemm kellmuhom l-pulizija u hadulu s-senter minn id missieru. Mistoqsi kemm ghadda hin bejn meta spara missieru ghal meta gew il-pulizija wiegeb '*ma nikkalkulax nofs siegħa għax kwarta nargumenta miegħu jiena bil-paroli u kwarta oħra mixja.*' Il-Pulizija kellmu lilu u lil missieru fuq il-post. Jghid li '*jien qatt ma kelli l-ebda' senter.*' Jemfasizza li '*Jiena l-ebda' ħin ma kelli senter f'idi, missieri spara.*' Peress li Charlie qal li laqtuh, mistoqsi jekk ra xi haga fuqu qal li ma ra xejn fuq Charlie, '*xejn xejn b'rawha u ħdura għalija kien tela' minn hemm isfel.*' Kien tiela kkargat ghalih. Jghid li dejjem bl-impiki maghhom, hemm problemi ma missieru u mal-familja kollha ghax hemm hekk kollha jkunu gol-ghalqa. In kontro-ezami kkonferma li fid-disgha (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u

erbatax (2014) meta gara l-incident fl-ebda hin ma kellu senter f'idu u fl-ebda hin ma spara. Cahad li f'xi mument kellu senter f'idu u li f'xi mument spara fuq il-kelba ta' Carmelo Magri u lanqas fuq id-dura fejn kien Alfred Farrugia. Jikkonferma li qed jigdbu. Jghid li '*lil-missieri dak il-ħin l-ebda*' *ħin ma rawh, lili raw u s-senter ma nafx kif qalu li rawni bis-senter f'idi għax jiena ġol frieġħi, ġo s-siġar nitħabat kont. Charlie biss għax hemm trejqa u huma ġod-dura minn isfel ma setgħux jitilgħu għax kellhom l-għasafar, ma setgħux iħallu l-għasafar weħidhom.*' Jghid li ghajjat u dagha skuzi nstemgha zgur, hu ma' Charlie. Jghid li ilu zmien bla licenzja, li qatt ma kien bis-senter. Il-kelba ma laqtuhuliex tieghu. Jghid li '*Imma mbagħad garajt il-ġebel lilu...*' Il-kelba ma laqghatiex '*għax il-kelba tiegħu telqet tiġri tawwi għal tiegħi ... u telqet tiġri fejn missieri.*'

Carmel Camilleri quddiem din il-Qorti xehed li hu u Simon marru jduru ghal kacca. Spjega li '*Kellna kelba wkoll tagħna, morna nduru, ħareġ mallvizz sparajt għalih jien u l-kelba ma ġabitux u niżel it-tifel u jiena bqajt indur u sparajt xi erba' tiri oħra għal fuq l-imwievez u qalu li lqattu. Filfatt iċ-ċomb l-isfel jinżel irid Sinjura ... il-bqija morna lura lejn il-kamra wara xi kwarta u sibna l-pulizija.*' Jghid li it-tifel tieghu qatt ma kien bl-arma. Jghid li cert ghax il-hin kollha hdejh mieghu hlief dik il-kwarta li qaghdu jillatikaw hu u Charlie. L-arma registrata fuqu u hija tieghu. Ma jafx x'diskors ezatt inqal bejn is-Sur Magro u Simon '*għax jien bqajt indur imbagħad erġajt lura, t-tifel tela' lura minn ġos-siġar. Għedlu x'ġara qalli mhux is-soltu Charlie Magri ... hemm hekk kollu tiegħu hux. Hu ma tantx jisma mhux biex nagħjru, li jgħid hu kollox kien.*' Jghid li '*Fuqi kien is-senter, tiegħi is-senter.*' Jghid li qatt ma kellu arma Simon it-tifel tieghu. In kontro-ezami mistoqsi dwar meta t-tifel Simon nizel ghal malvizz, u fl-ebda hin ma niezel mieghu pero' baqa fejn kont wiegeb '*Le bqajt indur jien għedtlek.*' Qatt ma niezel fejn it-tifel. Ma kienx hemm,'*bqajt indur jien nispara xi tir. Imbagħad erġajt lura u t-tifel laħaq tela' minn ġos-siġar, għedtlu x'ġara? Qalli mhux is-soltu ... jaqbdu miegħu.*'

Ikkunsidrat ulterjorament;

Ghalkemm jirrizultaw konflitti fil-verzjonijiet moghtija u cioe' fejn Antoine Camilleri, Alfred Farrugia, Charlie Magro jghidu li raw is-senter f'id Simon Camilleri filwaqt li l-appellant Simon Camilleri u missieru Carmelo Camilleri jghidu li Simon ma kellux is-senter fuqu, din il-Qorti temmen il-verzjoni moghtija mix-xhieda tal-prosekuzzjoni u cioe' lil Antoine Camilleri, Alfred Farrugia u Charlie Magro li xehdu li l-appellant

Simon Camilleri kien bis-senter f'idu. Il-fatt li jirrizulta li hemm disgwiet bejn il-partijiet bl-ebda mod ma jnaqqas il-kreddibilita ta' dawk ix-xhieda. Il-fatt li meta waslu l-Pulizija u l-ALE raw lil missier jonsob u li s-senter kien f'id il-missier, ma jfissirx li hin qabel dan ma kienx f'id l-appellant Simon Camilleri.

Din il-Qorti qieghda ghalhekk issib htija tal-ewwel (1) imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni imputazzjoni taqra:

> '*Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaccja jew prova jikkaccja, ha jew prova jiehu b' kull mezz li jkun xi ghasfur kif permess skont id-disposizzjoni tar-regolamneti dwar il-konservazzjoni tal-ghasafar selvaggi, meta ma kienx fil-pussess ta' Licenzja valida skont ma jkun japplika, mahruga mit-Taqsima Regolamenti ghall-Ghasafar Selvaggi u meta ma ssodisfax il-kundizzjonijiet kollha specifikati fil-licenzja u f' kull Ligi ohra u dan bi ksur tar-Regolament 12(l) tal-A. L. 79 tal-2006 hekk kif emendat L.S 504. 71.*'

Jirrizulta li x-xhieda ma rawx lill-appellant jispara ghall-ghasafar biss pero tenut kont tal-fatt li meta Charlie Magro avvicina lill-appellant, l-appellant kien qieghed ifittex malvizz u kellu s-senter f'idejh, din il-Qorti tqis bhala pruvata din l-imputazzjoni. Din il-Qorti tqis li a tempo vergine skont dak li ddikjara Ps. 1181 Eugenio Caruana fl-affidavit tieghu u anke mir-rapport tal-Pulizija, Charles Magro kien qal li ra lil Simon Camilleri bis-senter f'idu jispara tir iehor. Izda meta dan ix-xhud xehed quddiem din il-Qorti diversament preseduta, ma jirrizultax li rah b'ghajnejh jispara ghalkemm jghid li li s-senter kien f'id l-appellant u li anke sema t-tir. Din il-Qorti ghalhekk qieghda tibbaza s-sejbien ta' htija ta' din l-imputazzjoni abbazi biss tal-fatt li l-maggorpoarti tax-xhieda raw lill-appellant bis-senter f'idejh, ghalhekk din il-Qorti tqis li ma hemm l-ebda raguni ghala l-appellant Simon Camilleri kellu jkun fil-pussess tas-senter f'ghalqa waqt li suppost missieru kien qiegehd jikkacca jekk mhux ghax kien ikkaccja jew prova jikkacja. Din it-tieni imputazzjoni ghalhekk ukoll giet ippruvata sufficentement.

Illi t-tielet (3) imputazzjoni taqra:

'*Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, heddidt b'gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin jew waddabhom jew qabad armi ohra kontra Carmelo Magro, Alfred Farrugia u Antoine Camilleri u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*'

Huwa l-artikolu 339(1)(b) u mhux l-artikolu 339(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li huwa applikabbli ghal din l-imputazzjoni. Dan l-artikolu jaqra:

'*mingħajr ma jidrob jew isawwat, ihedded bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin, jew iwaddabhom, jew jaqbadarmi oħra kontra n-nies*'

Ma hemmx dubju li l-appellant waddab gebel versu Carmelo Magro. Ghalkemm l-appellant jammetti li waddab gebel u jghid li Carmelo Magro ukoll wadab gebel, huwa l-appellant li huwa akkuzat quddiem din il-Qorti u mhux Carmelo Magro. Ma jirrizultax izda pruvat li l-appellant waddab gebel versu Alfred Farrugia u Antoine Camilleri anke jekk dawn kienu prezenti. Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda ssib htija ta' din l-imputazzjoni kontra l-appellant rigwardanti biss Carmelo Magro u mhux fil-konfront ta' Alfred Farrugia u Antoine Camilleri.

Illi r-raba' (4) imputazzjoni taqra:

'*Akkuzat ukoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghek jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamneti, involontarjament ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Carmelo Magro skond ma ccertifika Dr. Mario Abela Med. Reg. 1852 ta' Paola Health Centre;*'

Kif gia din il-Qorti ghamlet referenza ghax-xhieda aktar kmieni f'din is-sentenza, nurmu ta' xhieda ikkonfermaw li kien gie ferut Carmelo Magro u cioe' li kellu d-dmija. Charlie Magro xehed li kif mar jaghmel l-awrina '*fejn id-dura, u sparaw tir u laqtuni b'comba. Mort, u sibt lil Simon.*'

Charlie Magro fix-xhieda tieghu kien konvint li kien l-appellant Simon Camilleri li spara u li konsegwenza ta' dan spicca ferut. B'zieda ma dan jghid li nlaqat mill-gebel li waddab l-appellant ghalkemm jghid li ma tantx wegga u jghid ukoll li spara u laqatlu l-kelb. Mic-certifikat mediku a fol 6 jirrizulta li Charles Magro gie ccertifikat li sofra griehi hfief salv ghal kumplikazzjoni u xray result. Gie pprezentat affidavit ta' Dr Mario M Abela biex jikkonferma dan. Skont dan l-affidavit tnizzel li l-kontenut tac-certifikat huwa li:

'*1. Allegatament gie milqut f-ghonqu b-ċomba*
*2. Hmura fuq il-parti ta' fuq tan-naha tax-xellug tal-ghonq b-diametru ta' madwar ċentimentru.*
*3. Esternament il-gilda tidher intatta.*
*4. Il-pazjent gi mibghut jiehu Xray biex jeskludi 'foreign body'*.

In-natura ta' dawn il-girehi giet iccertifikata bhala hafifa sakemm ma jinqalghux kumplikazzjonijiet u li r-rizultat tal-Xray pendenti.

Din il-Qorti tqis li l-griehi sofferti kienu rizultat ta' sparatura, fis-sens li gie milqut b'comba u mhux rizultat tat-twaddib ta' gebel da parti tal-imputat. Din il-Qorti ma ghandhiex dubju li Charlie Magro verament sofra griehi, izda l-Qorti trid tikkunsidra jekk giex sufficentement ippruvat oltre kull dubju dettat mir-raguni li dan kien rizultat ta' traskuragni jew nuqqas ta' hila jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti da parti tal-appellant.

Jirrizulta li ghalkemm meta Charlie Magro intlaqat b'comba, huwa mar u sab lill-appellant ifittex l-ghasfur, jirrizulta li x-xhieda ma rawx lill-appellant b'ghajnejhom jispara anke jekk huma ssaponew li kien hu u minkejja li dan kellu s-senter f'idu. Ghalhekk in linea tal-principju tal-*in* d*ubio pro reo* u stante li ma jistax jigi eskluz li kien hemm kaccaturi ohra, din il-Qorti tqis li ma giex pruvat sufficentement oltre kull dubju dettat mir-raguni li kien l-appellant li kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq Charlie Magro. Din il-Qorti ghalhekk mhijiex issib htija ta' din l-imputazzjoni.

Illi l-hames imputazzjoni taqra:

*'Kif ukoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, involontarjament ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq kelb tar-razza tal-kacca ta' Malta skond ma ccertifika l-veterinarju Dr. Trevor Zammit tal-Isptar San Frangisk;'*

Numru ta' xhieda xehdu dwar il-fatt li l-kelb gie ferut. A fol 22 gie pprezentat 'Medical record' dwar vista li saret fuq il-kelb fejn jirrizulta li kien hemm numru ta' pallets f'gisem l-kelb. Fix-xhieda ta' Charlie Magro jirrizulta li l-kelba giet bid-demm wara t-tir ghalkemm huwa ma kienx qieghed ihares lejn l-appellant, ghalkemm jishaq li l-appellant kien l-uniku wiehed hemm. Jirrizulta li fl-affadivit ta' PS 1181 Eugenio Camilleri ma tnizzlux dettalji dwar meta l-appellant spara u laqat il-kelb izda tnizzel li Charles Magro u Alfred Farrugia *'ziedu illi sema' xi tiri ta'senter u f'dak il-hin hassew xi comb jinzel fuqhom bil-konsegwenza li comba laqtet lill Charles Magro f'ghonqu u zewg combiet laqtu l-kelb li kellu hemm ukoll.'*

Ghalkemm jirrizulta li l-kelb verament soffra griehi, lil hin mill-fatt jekk giex ippruvat li kien l-appellant li kkawza dawn il-griehi jirrizulta li l-imputazzjoni harget fit-termini tal-artikoli 221, 225 u 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sens li l-appellant huwa akkuzat li b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolament involontarja ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq kelb. Din il-Qorti tqis li din it-tip ta' imputazzjoni ma setghetx tinhareg stante li l-artikolu 221, 225 u 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirrigwardaw griehi jew ikkagunar ta' mewt fuq persuna u mhux fuq annimal. Fix-xhieda ta' Charlie Magri, ix-xhud jaghti x'jifhem li l-appellant spara lil kelb xjentement u ma jaghmel l-ebda referenza ghal comb li setgha niezel accidentalment fuq il-kelb. Ghalhekk il-Prosekuzzjoni kellha tibbaza l-imputazzjoni fuq il-maltrattament tal-annimali, dak iz-zmien taht il-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali. Din il-hames (5) imputazzjoni ghalhekk ma tistax tirrizulta.

Illi s-sitt imputazzjoni taqra:

'*U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghidt kliem fahxi li jikkonsisti f' dagha fil-pubbliku;*'

Kemm ix-xhieda tal-prosekuzzjoni u anke l-appellant stess jixhed li '*Għajjat u dagħa skużi nstemgħu żgur jiena ma*' *Charlie*.' Ma hemmx dubju li dan sehh fil-pubbliku tant li instemgha minn diversi nies. Ghalhekk din il-Qorti qieghda ssib htija ta' din l-imputazzjoni.

Is-seba' imputazzjoni tirrigward r-recediva u cioe' li l-appellant sar recediv b'sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta l-Magistrat Dr Audrey Demicoli. Din il-Qorti tqis li ghalkemm a fol 13 giet ipprezentata sentenza moghtija mill-Magistrat Dr Audrey Demicoli fid-disgha (9) ta' Lulju tas-sena elfejn u disgha (2009) fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Fabian Fleri) vs Simon Camilleri'[6], din is-sentenza mhux biss mhijiex vera kopja u cioe' kopja legali tas-sentenza, izda in oltre ma tressqet l-ebda prova li din is-sentenza kienet wahda definittiva u cioe' li ma sarx appell minnha. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tqis lill-appellant bhala recediv. In oltre, ghalkemm gew ipprezentati tlett komparixxi bid-decizjoni miktuba fuqhom u sentenza ohra a fol 37 sa 43, l-akkuza tar-recediva fis-seba' (7) imputazzjoni hija limitata ghas-sentenza moghtija mill-Magistrat Dr Audrey Demicoli li kif inghad ma jirrizultax jekk din kinitx finali. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax ssib htija tar-recediva anke jekk mill-fedina penali jirrizulta li kien hemm diversi kundanni fil-konfront tal-appellant. Il-fedina penali ser jittiehed kont taghha ai fini ta' kallibrar tal-piena.

F'dak li jirrigwarda l-piena, din il-Qorti tqis li mill-fedina penali tal-appellant jirrizulta li l-appellant inghata diversi cansijiet sabiex jirrispetta l-awtorita' tal-Qrati u ma jikkommetiex reati. Din il-Qorti tqis ukoll li minkejja li fil-fedina penali jirrizulta li l-appellant inghata numru ta' sentenzi kontra tieghu rigwardanti reati li ghandhom x'jaqsmu mal-kacca, l-appellant jidher li ma tghallem assolutament xejn. Din il-Qorti tippreciza li minkejja li ma giex ikkonfermat bil-gurament li dawn is-sentenzi kienu

[6] Numru 369/2009.

finali, uhud minn dawn is-sentenzi imnizla fil-fedina penali ghadhom indikat ma gembhom il-kelma 'paid' li ghalhekk jissinifika li l-multa tkun thallset u ghalhekk din hija prova bizzejjed li tikkonferma li dik is-sentenza tkun finali. Din il-Qorti tqis li ghalkemm minn komparixxxi prezentata a fol 37 u 38 jirrizulta li fis-disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) l-appellant kien mhux biss ikkundannat ghal sena prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin u kien tpogga taht supervizjoni a termini tal-artikolu 28G tal-Kapitolu 9, kienet giet ordnata l-konfiska tal-oggetti esebiti u anke r-revoka permanenti tal-licenzja tal-kacca, biss pero din is-sentenza ghalkemm tirrizulta fil-fedina penali, fl-atti ma hemmx konferma bil-gurament li din ma gietx appellata, u ghalhekk din il-Qorti ghalkemm qieghda tqis lill-appellant li prova jikkacja jew jikkacja meta ma kellux licenzja valida, mhijiex tqis li dan sar waqt li l-licenzja kienet revokata permanenti stante li ma gietx sufficentement ippruvata. Din is-sentenza hija naturalment minghajr preguduzzju ghal dak ordnat fis-sentenzi kollha moghtija precedentement kontra l-appellant.

Din il-Qorti sejra ghalhekk apparti ordni ghal hlas ta' multa, tordna ukoll piena ta' prigunerija, liema piena ma ghandhiex tkun wahda effettiva u ghalhekk sejra taghti l-ahhar cans lill-appellant sabiex jimxi fit-triq tas-sewwa. Sejra wkoll tordna l-hrug ta' ordni ta' supervizjoni fil-konfront tal-appellant. L-appellant qieghed ukoll jigi skalifikat ghal ghomru milli jottjeni licenzja taht dak iz-zmien ir-regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' Ghasafar Selvaggi u anke taht Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li *ex officio* annullat is-sentenza appellata, wara li rat l-artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 12(1) u 27(3)(b) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 549.42 skont kif kienet il-ligi vigenti dak iz-zmien taht il-Legislazzjoni Sussidjarja 504.71 u l-artikoli 339(1)(b) u 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-appellant hati tal-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3) imputazzjoni limitatament versu Carmelo Magro[7] izda mhux li gara gebel lil Alfred Farrugia u Antoine Camilleri u ssibu hati ukoll tas-sitt (6) imputazzjoniji, tilliberah mir-raba' (4), mill-hames (5) u mis-seba' (7) imputazzjonijiet u tikkundanna lill-appellant ghal sentejn prigunerija li permezz tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-

[7] Fl-atti xi kultant indikat bhala Chalie jew Charles Magro

Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal sentejn (2) mil-lum kif ukoll tordna li jhallas multa ta' elfejn ewro (€2000) fi zmien tlett (3) xhur mil-lum.

Din il-Qorti tpoggi ukoll lill-appellant taht ordni ta' supervizjoni ghal zmien sentejn mil-lum taht l-artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti a tenur tat-tielet proviso tas-subregolament (3) tar-regolament 27 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 549.42 skont kif kienet il-ligi vigenti dak iz-zmien taht il-Legislazzjoni Sussidjarja 504.71, qieghda tiskalifika lill-appellant ghal ghomru milli jottjeni licenzja taht ir-regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' Ghasafar Selvaggi u anke taht Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija.

Din il-Qorti fehmet lill-appellant xi jkunu r-reperkussjonijiet jekk jikkometti reat iehor fi zmien operattiv ta' din is-sentenza.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur